MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 210/2007

Kawza fil-lista: 58

**A B**
**vs**
**A sive C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur in sostanza pprremetta: li l-partijiet izzewgu fit-2 ta' Settembru 1990, u li minn dan iz-zwieg twieled t-tifel D fis-17 ta' Frar 1997; li l-hajja konjugali m' ghadhiex aktar possibbli minnha eccessi, mohqirja, theddid, u offizi gravi, kif ukoll adulterju u abbandun, kommessi mill-konvenuta fil-konfront ta' l-attur, u wkoll ghax iz-zwieg ta' bejniethom tkisser irrimedjabbilment; ghaldaqstant qed jitlob li din il-Qorti: [1] tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-

partijiet bi htija unika tal-konvenuta, u tezenta lill-partijiet mill-obbligu tal-ko-abitazzjoni; [2] takkorda lill-attur il-kura u kustodja tal-minuri; [3] tordna l-applikazzjoni ta’ l-artikoli 48 u 52 tal-kap.16, fl-intier taghhom, fil-konfront tal-konvenuta; [4] tiddikjara xjolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-partijiet, tillikwidaha u tassenjaha; [5] tapplika favur l-attur id-dispost ta’ l-artikolu 55A tal-Kap.16, fir-rigward tal-fond “Jeanfil” Appartament nru.1 Triq il-Gurbell, Rahal il-Gdid; u [6] ukoll tapplika d-dispost ta’ l-artikolu 62 [2] minhabba l-pregudizzju gravi li jsofri l-attur jekk il-konvenuta tkompli ggorr kunjomha; bl-ispejjez.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenuta eccepiet: [1] l-medjazzjoni hija nulla stante li l-konvenuta ma kinitx giet notifikata bl-ittra tal-medjazzjoni u ghalhekk il-medjazzjoni ma sehhitx; [2] li l-konvenuta taqbel mat-talba ghas-separazzjoni personali, izda bi htija ta’ l-attur, stante li dan “ittraskura lil martu u egojistikament kien jghix mal-komputer u ma’ siehbu mlaqqam ‘Nonni’; [3] li kienet hi li hadet hsieb il-minuri sa minn meta twieled, u ghalhekk ghandha dritt ghal access regolari; [4] li hi ghandha dritt ghal sehemha mill-komunjoni ta’ l-akkwisti; [5] li hi m’ ghandhiex tbati spejjez.

Rat r-relazzjoni tal-espert il-Psikologa Carmen Sammut;

Rat l-atti tal-kawza, inkluzi l-affidavits u d-dokumenti prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob is-separazzjoni personali minn ma’ martu l-konvenuta, ghal ragunijiet imputabbli lilha u kontemplati fl-artikoli 38, 40 u 41 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Minn naha taghha l-konvenuta, filwaqt li taqbel mat-talba ghas-separazzjoni personali, tattribwixxi l-htija unikament lill-attur.

**Separazzjoni Personali**

Illi jirrizulta pacifiku li l-partijiet izzewgu fit-2 ta' Settembru 1990, u minn dan iz-zwieg ghandhom tifel, D, li twieled fis-17 ta' Frar 1997. Illi fl-1 ta' Dicembru 2006 il-konvenuta abbandunat id-dar konjugali, lill-attur u lit-tifel taghhom, biex marret tghix fi stat ta' konkubinagg ma' certu Loreto Bonello u uliedu, u li minnu llum ghandha tarbija. Hija ma tahdimx u tiehu hsieb it-tifel taghha.

Illi l-attur jghid li martu telqet mid-dar konjugali b' kapricc ghax fiz-zwieg ma kien jonqosha xejn. Huwa jicahad li kien jonjoraha fiz-zwieg u li kien mohhu fil-kompjuter u li kien egojist maghha, kif jichad ukoll li kien jara l-pornografija fuq l-istess.

Minn naha taghha l-konvenuta tghid li hi kienet kostretta li titlaq mid-dar konjugali peress li l-attur ma kienx jaghti kazha u kienet tqis lilha nnifisha li tghix waheda flimkien mat-tifel. Tghid li hi kienet kostretta li titlaq mid-dar konjugali, u li kien l-attur li kecciha. Izda tghid li meta telqet mid-dar hija marret tghix ma' Loreto Bonello u t-tfal tieghu, peress li kienet thobbu u tithassru.

Illum hi ghandha tarbija minn dan ir-ragel li ghadha tghix mieghu, filwaqt li l-attur baqa' jiehu hsieb wahdu t-tifel minuri tal-partijiet.

Il-Qorti, wara ezami tal-provi, taghti affidament lill-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-attur, stante li jinsabu korroborati, mill-assjem tal-provi, senjatament mix-xhieda ta' persuni estranei.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment unikament tort tal-konvenuta minhabba adulterju fit-termini ta' l-artikolu 38 tal-Kap.16. Dan il-komportament jattira ex lege d-dispost ta' l-artikolu 48 fil-konfront tal-konvenuta, u dan b' effett mill-1 ta' Dicembru 2006.

Minn naha l-ohra, il-kawzali bazata fuq id-dispost ta' l-artikolu 40 ma treggix; kif lanqas treggi l-kawzali bazata fuq l-artikolu 41, stante l-mankanza tar-rekwiziti tal-kawza gusta u taz-zmien.

**Kura u Kustodja**

Illi jirrizulta car u manifest li l-interessi tat-tifel D, li ser jaghlaq 15-il sena fix-xahar li gej, jiddettaw li l-kura u kustodja tal-minuri ghandha tibqa' esklussivament f' idejn l-attur li, minn naha tieghu, ghandu jassigura li t-tifel jkompli jattendi ghand psikoterapisa/psikjatra sabiex tghinu fit-trawma li sofra, u sabiex tghinu jerga' jibni relazzjoni tajba ma' ommu.

L-access favur l-omm fil-prezent qed jibqa' sospiz sakemm il-psikoterapisa/psikjatra ma jiccertifikax li dan jista' jsir minghajr detriment tal-minuri.

**Manteniment**

Illi jirrizulta ex admissis li mill-1 ta' Dicembru 2006, u cioe' mill-gurnata li fiha l-konvenuta abbandunat il-familja taghha, din ma tat ebda kontribut ghall-manteniment tat-tifel minuri tal-partijiet, li dak iz-zmien kellu 9 snin; bir-rizultat li dan it-tifel trabba biss bl-ghajnuna morali u finanzjarja tal-missier.

Illi l-konvenuta, bhala genitur, ghandha l-obbligu li tikkontribwixxi, jew bil-hila taghha jew finanzjarjament, ghall-manteniment tal-wild taghha; u fic-cirkostanzi ma gie provata ebda kondizzjoni medika li timpedixxi lill-konvenuta milli tahdem biex taghti l-kontribut finanzjarju ghall-manteniment tat-tifel taghha; izda, minnflok, qadet tiehu hsieb id-dar u l-familja tas-sieheb taghha.

Fid-dawl tal-premess il-Qorti ser tikkomputa lump sum li l-konvenuta ghandha thallas lill-attur minn sehemha tal-komunjoni ta' l-akkwist ghas-saldu tal-manteniment ghas-saldu dovut minnha lilu, kemm arretrat kif ukoll futur. Din is-somma tammonta ghal-tnax-il elf, hames mija u tnejn u tmenin ewro [€12,582] kalkolati fuq retta alimentarja mensili ta' €116.5 ghal disa' [9] snin, sakemm il-minuri jsir maggjorenni. Il-Qorti tordna li l-konvenuta tghaddi din is-

somma lill-attur minn sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti

Jibqa' impregudikat id-dritt tat-tifel li jezigi manteniment minghand iz-zewg genituri tieghu fit-termini ta' l-artikolu 3B tal-Kap.16

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**
*Likwidazzjoni*
[1] id-dar matrimonjali bl-isem 'Jeanfil' Flat 1, Triq il-Gurbell, Paola tal-valur ta' circa LM40,000 [illum €93,200]; [2] l-ghamara u mobbli li hemm fiha; [3] oggetti tad-deheb; [4] Karrozza antika tal-marka Skoda; [5] Depoziti bankarji tal-Bank HSBC; [6] Dejn mal-HSBC re: loan u insurances relattivi; [7] Dejn fil-konfront ta' l-attur konsistenti fil-pagamenti kollha magmula minnu mill-1 ta' Dicembru 2006 dwar il-house loan u l-insurances relattivi, inkluza l-life insurance, u li ser jibqa' jaghmel sakemm jinbigh il-post.

*Assenjazzjoni*
Illi l-fond fuq indikat jinbigh fi zmien sentejn fuq is-suq heiles ghall-prezz mhux inferjuri ghas-somma fuq indikata; u fin-nuqqas, eghluq dawn is-sentejn, jinbigh that l-awtorita' tal-Qorti skond il-ligi.

Illi l-attur qed jigi awtorizzat jibqa' jabita fl-imsemmi fond, flimkien mat-tifel tal-partijiet, sakemm tinbigh id-dar, u sussegwentement, ghandu jivvvaka l-istess dar.

Illi r-rikavat tal-bejgh, wara li jinqatghu minnu d-djun gravanti il-fond, jinqasam f' zewg porzjonijiet ugwali: porzjoni A li ghandha tinghata mill-attur; u porzjoni B li ghandha tinghata lill-konvenuta wara, li minn din il-porzjoni, jkunu gew mnaqqsa l-krediti tal-attur, u cioe' l-ammont tal-manteniment fuq indikat, u nofs il-pagamenti maghmula minnu dwar loan u insurances u spejjez relatati kif hawn that indikat.

Illi rigward il-mobbli, partikolarment id-deheb, il-provi huma kontrastanti. Fic-cirkostanzi l-Qorti tordna li l-mobbli

[ghamara u effetti mobbli] jinbighu mad-dar skond il-valuri rispettivi taghhom kif indikati mill-attur fid-dokument KK16 li kopja tieghu qieghda tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici A].

Illi rigward id-deheb il-Qorti, filwaqt li tiddikjara li l-gizarana, u l-brazzuletta tad-deheb, indikati fil-partita [16] fl-annessa lista, huma parafernali ta’ l-attur, tiddikjara li l-kumplament tad-deheb huwa tal-komujoni u allura ghandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

Dwar il-konsistenza tad-deheb formanti parti tal-komujoni, hemm kuntrast bejn il-partijiet, fis-sens li l-konvenuta fil-lista taghha telenka izjed deheb, senjatament il-partiti [n] u [q]. ; kif ukoll hemm kuntrast ghand minn qieghed id-deheb. F’ dan ir-rigward il-Qorti tidderigi lill-partijiet ghal proceduri separati fir-rigward.

Il-vettura Skoda ghandha tibqa’ fil-pussess ta’ l-attur, filwaqt li dan, minn sehemu tal-komunjoni ta’ l-akkwisti ghandu jaghti lill-attrici ekwiparazzjoni ta’ €175.

Illi d-dejn bilancjali mal-HSBC ghandu jigi sopportat ugwalment bejn il-partijiet, filwaqt li l-konvenuta minn sehemha tal-komunjoni, ghandha thallas lill-attur nofs il-pagamenti kollha maghmula minnu mill-1 ta’ Dicembu 2006 u li ser jibqa’ jaghmel sakemm jinqata’ d-dejn jew jinbigh il-post, liema jigi l-ewwel, flimkien mal-pagamenti ta’ l-insurances, u pagamenti relatati mal-hrug tal-loan.

Id-depoziti bankarji ghandhom jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet, hlief ghad-depozitu bankarju li hemm f’ isem it-tifel. Dan id-depozitu ghandu jibqa’ fuq isem il-minuri, bl-imghax akkumulat, sabiex il-bilanc ezistenti jigi moghddi lilu meta jsir maggjorenni.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici kif ser jinghad:

[1] tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija unika tal-konvenuta; [2] tafda l-kura u kustodja tal-

minuri f’ idejn l-attur kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata “Kura u Kustodja”;
[3] tordna li l-konvenuta thallas lill-attur manteniment ghall-minuri, arretrat u futur, kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata “Manteniment”;
[4] tapplika fil-konfront tal-konvenuta fl-intier tieghu l-artikolu 48 tal-Kap.16;
[5] Ixxolji l-komunjoni ta’ l-akkwisti b’ effett mill-1 ta’ Dicembru 2006, tillikwidaha u tassenja kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata “Komunjoni ta’ l-Akkwisti”; [6] tawtorizza lill-attur sabiex, fimkien ma’ ulied il-partijiet, jibqa’ jghix fil-fond ‘Jeanfil’ Flat 1, Triq il-Gurbell, Paola, ad eskluzjoni tal-konvenuta, ghal zmien sentejn, jew sakemm il-fond jinbigh bis-subbasta kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata “Komunjoni ta’ l-Akkwisti”; [7] tordna li l-partijiet jirrestitwixxu fi zmien gimgha l-oggetti parafernali ta’ xulxin; [8] tapplika fil-konfront tal-konvenuta d-dispost ta’ l-artikolu 62[2 tal-Kap.16;

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------